**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 168/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Carmelo Borg**

Illum, 29 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Carmelo Borg, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 76458M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-12 ta' Mejju 2020 għall-habta ta' 17:30hrs u/jew fil-ġranet ta' qabel b'diversi atti magħmulin b'rizoluzzjoni waħda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi anke jekk saru fi ġranet u ħinijiet diversi f'dawn l-gzejjer Maltin:

1. Daħal f'dar jew lok ieħor jew reċint u ċioe fil-fond 42 u 43, Windmill, Triq il-Vitorja, Birkirkara, kontra d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 bil-mezz ta' ksur, imfietaħ foloz u skalata hekk kif imfisser fl-Artikolu 264, 265 u 266 tal-Kapitolu 9;
2. Bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni oħra kontra l-propjeta' ta' ħaddiehor, mhux imsemmija fil-paragrafi ta' qabel ta' dan l-artikolu u lanqas band'oħra f'dan il-Kodiċi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-3 ta' Ġunju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 330(b) u stante li t-tieni (2) akkuża hija alternattiva għall-ewwel (1) akkuza, sabet lill-imputat Carmelo Borg ħati tal-ewwel (1) akkuza u kkundannatu għal multa ta' ħames mitt ewro (€500). In oltre, a bazi tal-Artikolu 377(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat ġie ordnat sabiex jevakwa l-post imsemmi fi zmien xahrejn (2) mid-data ta' dik is-sentenza, u fin-nuqqas japplikaw id-dispozizzjonijiet ta' dan l-Artikolu 377(3)(4)(5) fil-konfront tiegħu.

Rat ir-rikors tal-appellant, Carmelo Borg, ppreżentat fl-14 ta' Gunju 2021, fejn talab lil din l-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċizjoni datata 3 ta'Ġunju 2021 fejn ordnat lill-esponenti iħallas multa u jiżgombra mill-fond fiz-zmien xahrejn.

Rat l-aggravji imressqa mill-appellant Carmelo Borg.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat marbut mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata minnu quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellant jilmenta dwar il-fatt li dik il-Qorti tat il-fakolta' lill-Prosekuzzjoni li tippreżenta ir-riferta tan-notifika wara li ngħalaq l-istadju tal-ġbir tal-provi. Illi mill-verbal datat 27 ta' Mejju 2021[1] jemerġu is-segwenti fatti probatorji:

> **...**
>
> ***Il-Prosekuzzjoni ppreżentat riferta, kuntratt, rikors.***

[1] *A folio* 5 tal-Atti Proċesswali.

*Id-Difiza m'għandiex provi x'tipproduċi.*

*Saret trattazzjoni (on tape).*

*Dr Martin Fenech joġġezzjona li wara li ngħalqu l-provi u saret trattazzjoni qed jinġabu prova ta' riferta li missha kienet inġabet waqt is-smiegħ tax-xhieda u qed jitlob li ma tiġix esebita.*

*Il-Qorti, stante li l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ġiet imqajma fi stadju ta' sottomissjoni u ċioe wara li d-Difiza kienet għalqet il-provi tagħha ma tistax tħalli dan il-fatt imur kontra d-dritt tal-Prosekuzzjoni li tirribatti għal din l-eċċezzjoni u għalhekk tħalli l-prezentata ta' din in-notifika.*

Illi, l-ewwelnett irid jiġi mfakkar li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, u saħansitra tista' tiġi ssollevata anke mill-Qorti *ex officio*. Fuq kollox wieħed irid izomm f'moħħu ukoll il-prinċipju kardinali tal-"*equality of arms*" li japplika bl-istess miżura kemm għad-Difiża kif ukoll ghal Prosekuzzjoni. Għaldaqstant, jekk id-difiza kienet fi ħsiebha li teċċepixxi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni missha għamlet hekk fi stadju bikri tal-proċeduri, sabiex b'hekk il-Prosekuzzjoni kien ikollha kull opportunita' li tirribatti l-istess. Mhux konduċenti għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja illi d-Difiza tħalli l-proċeduri għaddejjin sa' l-istadju aħħari meta l-provi ikunu magħluq sabiex tqajjem din l-eċċezzjoni, sempliċiment biex b'hekk tpoġġi l-avversarju tagħha f'pożizzjoni svantaġġjata. Tali aġir zgur li jmur kontra l-prinċipju tal-"*equality of arms*" u l-Ewwel Qorti kienet korretta li tat l-opportunita' lill-Prosekuzzjoni li tirribatti l-eċċezzjoni mressqa, u dana dejjem fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Illi, *in oltre*, mir-riferta ppreżentata mill-Prosekuzjoni, jirriżulta li l-appellant ġie nnotifikat bl-istess nhar is-16 ta' Ġunju 2020 filwaqt li miċ-ċitazzjoni jirrizulta li r-reati addebitati lill-istess appellant jirrisalu għat-12 ta' Mejju 2020 u/jew fil-ġranet ta' qabel. Il-Qorti tinnota li r-reat li tiegħu nstab ħati l-appellant mill-Ewwel Qorti huwa dak ikkontemplat fl-Artikolu 330 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema reat iġorr miegħu piena ta' priġunerija għal zmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew multa. Illi allura jsegwi li skont dak li jipprovdi l-Artikolu 688(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, it-terminu ta' preskrizzjoni in kwistjoni huwa dak ta' sentejn, terminu li certament ma laħaqx iddekorra, kif lanqas laħaq iddekorra it-terminu ta' tlett xhur

mogħti sabiex titmexxa 'il quddiem l-azzjoni kontravvenzjonali imfassla fit-tieni imputazzjoni.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiċħad l-aggravju tal-appellant marbut mal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju mqanqal minnu, l-appellant jilmenta li x-xhieda prinċipali f'dawn il-proċeduri qatt ma semmew id-data tat-12 ta' Mejju 2020 u l-ġranet ta' qabel bħala l-ġranet li fihom seħħ l-allegat ksur tal-Liġi. L-istess appellant jsostni li dawn l-istess xhieda dejjem semmew ġranet wara d-data ndikata fiċ-ċitazzjoni.

Illi, din il-Qorti tibda' mal-ewwel billi tgħid li dak li qed jilmenta minnu l-appellant ma jsibx konfort fl-Atti Proċesswali. Wieħed mis-sidien tal-fond in kwistjoni, Michael Xuereb, xehed li fid-data tat-12 ta' Mejju 2020, kien ra lill-appellant dieħel fl-istess fond meta dan kellu ordni mill-Qorti biex ma jagħmilx hekk[2]. Ukoll, Shannon Chircop, xehed b'referenza għad-Dok. SC4, senjatament għar-ritratt immarkat bl-ittra "A", fejn stqarr li dak ir-ritratt – li juri l-appellant dieħel fil-fond mertu ta' dawn il-proċeduri – kien ħadu hu stess, u dana dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020. Għaldaqstant il-Qorti tinsab moralment konvinta, bħall-Ewwel Qorti qabilha, illi dakinhar tat-12 ta' Mejju 2020, u ċioe' fid-data indikata fiċ-ċitazzjoni, l-appellant daħal fil-fond in kwistjoni meta ma kellux permess li jagħmel dan, hekk kif jinsab mixli li għamel.

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad ukoll dan l-aggravju mressaq mill-appellant.

**Ikkunsidrat:**

Illi, permezz tat-tielet u l-aħħar aggravju minnu ntentat, l-appellant jilmenta li t-terza persuna li ħadet ir-ritratti ezebiti *in atti* mhuwiex xhud kredibbli. *In oltre*, l-istess appellant jallega li din l-istess terza persuna, dakinhar tas-seduta quddiem l-Ewwel

---

[2] *A folio* 156 tal-Atti Proċesswali.

Qorti, kienet qed tisma' l-proċeduri minn wara l-bieb tal-awla, u għaldaqstant ix-xhieda sussegwenti tagħha hija waħda nulla.

Illi, din il-Qorti tibda' biex tippremetti li din it-terza persuna li l-appellant qed jagħmel referenza għalija kienet ix-xhud Shannon Chircop, li ta x-xhieda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti nhar is-27 ta' Mejju 2021. Dwar l-allegazzjoni li Chircop kien qed jisma' l-proċeduri minn wara il-bieb tal-awla, u dan qabel ma ħa l-pedana tax-xhieda, il-Qorti tistqarr illi wara li fliet l-atti proċesswali ma sabet ebda prova fir-rigward. Huwa minnu li d-difiza staqsiet lill-istess xhud jekk hu kienx qed jissemma' barra l-awla tal-Qorti qabel ma xehed, pero' huwa minnu ukoll Chircop innega dan il-fatt. Huwa prinċipju regolatur fil-kamp penali li min jallega jrid jipprova u din il-Qorti tgħid li dwar din l-allegazzjoni tal-appellant, ma nġabet l-ebda farka ta' prova u għalhekk dak li jikkontendi jibqa' mera allegazzjoni li ma għandha l-ebda piz fil-kamp penali.

Illi, dwar il-kredibbilita' tax-xhud Chircop, il-Qorti eżaminat l-provi miġbura fl-atti u senjatament dak li jixhed dan ix-xhud, u tqies mingħajr tlaqliq li ma kien hemm xejn fix-xhieda tiegħu li tirrendiha mhux kreddibbli, kif qed jallega l-appellant. Huwa kien attendibbli fir-rakkont tiegħu, liema rakkont kien ukoll korroborat mix-xhieda u l-evidenza l-oħra prodotti fil-kors tal-proċeduri. Fuq kollox l-appellant rabat il-kwistjoni dwar il-kredibbilita ta' dan ix-xhud mal-fatt illi fil-fehma tieghu huwa gideb meta mistoqsi jekk kienx qed jissemma' minn wara l-bieb tal-awla waqt is-smigħ tal-kawża, liema fatt kif diġa' ingħad ma ġiex ippruvat.

Għaldaqstant l-Qorti tiċħad ukoll dan l-aggravju mressaq mill-appellant.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. It-terminu ta' xahrejn għall-iżgumbrament mogħti fit-termini ta'l-artikolu 377(3) tal-Kodiċi Kriminali għandu jibda jidekorri mil-lum.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**